Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

Talba Numru. 135/2002/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Kurt Cini**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut ihallas Lm379.35c (tlett mija u disgha u sebghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'arblu tad-dawl propjeta' tal-mittenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li ma jistax jigi ritenut responsabbli ghad-danni reklamati mill-Korporazzjoni attrici.
Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-Road Accident report fejn il-konvenut ammetta mal-Pulizija li ghalkemm kien qrib id-dar baqa jsuq u raqad u dahal fl-arblu u fil-hajt.

Ra s-seduta datata 23 ta' Settembru, 2002 fejn xehed PS 918 Anthony Agius fejn jghid li ma ghamilx skizz ghaliex f'dan il-kaz kien hemm vettura wahda li habtet wahida go l-arblu. Jikkonferma wkoll x'qal il-konvenut fir-Road Accident Report.

Ra x-xhieda ta' PC 417 Louis De Gabriele fejn ikkonferma li qal PS 918.

Il-konvenut ma deherx fil-kawzi tas-6 ta' Novembru, 2002 u tat-3 ta' Frar, 2003.

Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal incident.

Illi d-danni ma gewx kontestati u huma ragjonevoli.

Ghaldaqstant, jiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghal incident in kwistjoni; jordna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm379.35c (tlett mija u disgha u sebghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Avviz (16 ta' Frar, 2002).

--------------------------------TMIEM--------------------------------